**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 286/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Michael Callus**

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Michael Callus, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 228692M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Jannar 2019, għall-habta ta' 10:35 hrs ġewwa Triq Kalkara tal-Ġir, Mrieħel, Birkirkara:

i) Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni;
ii) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan;
iii) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
iv) Saq jew kien inkarigat minn vettura bil-mutur, meta xjentement jew bi traskuraġni, zamm, fixkel jew qata' l-mogħdija jew ma ħalliex skaplu għall-mogħdija ta' persuna, vettura, ziemel jew frat f'kull triq li tkun;

v) Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, mar kontra s-sinjal tat-traffiku (No Entry);

vi) Bħala persuna sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 27 ta' Settembru 2016 mill-Maġ. Dr F Depasquale LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, iddikjarat ir-raba' (4) u l-ħames (5) akkużi preskritti, filwaqt li sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) akkuża (nuqqas ta' provi mid-difiża kontra l-ħtija – Kap. 104, Art. 3(1)), it-tieni (2) akkuża (provi ta' Stephen Cachia) u t-tielet (3) akkuża (prova ta' PS 957). Ukoll, il-Qorti lliberat lill-appellant mis-sitt (6) akkuża fuq nuqqas ta' provi (nuqqas milli jiġi ppruvat li s-sentenza hija *res judicata*). In vista ta' dan kollu, il-Qorti kkundanat lill-imputat multa għas-somma ta' €2,500 pagabbli fuq medda ta' 36 xahar u tiskwalifikah milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien 12 il-xahar u 8 ijiem u timponi 6 punti penali fuq l-istess liċenzja.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-imputat Michael Callus, ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2021, fejn talab lil din l-Qorti tilqa'l-appell billi tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija v Michael Callus, u dan billi tikkonferma l-istess sentenza f'dik il-parti li permezz tagħha iddikjarat preskritti r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mis-sitt imputazzjoni, u dan filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, u tgħaddi konsegwentement sabiex tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant jisħaq li l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni fir-rigward it-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu huma monki u għaldaqstant ma seta' qatt jinstab ħati ta' l-istess. Huwa jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova konklussiva illi l-piż komplessiv tal-vettura *Mercedes* bin-numru ta' reġistrazzjoni HBT685 flimkien ma' dik irmonkata kienu jeċċedu l-piż regolamentari.

Illi fit-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellant huwa ġie mixli li nhar it-23 ta' Jannar 2019, saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan. Ezaminati l-Atti Proċesswali jirriżulta, u dana mix-xhieda ta' PS 957 Colin Spiteri, illi fl-imsemmija data l-appellant saq *tow truck* tal-għamla *Mercedes*, li kien qed jirmonka vettura oħra tal-għamla *Toyota IQ*, u dana kontra s-sinjal tal-*one way*, bir-riżultat li għalaq it-triq in kwistjoni u kkaġuna konġestjoni tat-traffiku. Irriżulta ukoll, u dana mix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta, Stephen Cachia, li l-appellant kellu liċenzja valida tas-sewqan tal-kategorija B u B1.

Illi, minn ezami ta' l-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, qabel ma ġew introdotti l-emendi fis-sena 2020, jirriżulta illi il-liċenzja tas-sewqan li taqa' taħt il-kategorija B, hekk kif kien filfatt liċenzjat l-appellant, tapplika vis-a-vis "*motor vehicles with a maximum authorised mass not exceeding 3,500kg*". Ukoll, l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja tistipula li "*motor vehicles in this category may be combined with a trailer having a maximum authorised mass which does not exceed 750kg*".

Illi mid-dokumentazzjoni[1] eżebita mir-rapprezentant tat-Transport Malta ntestata "*Vehicle Details*" fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-appellant dakinhar tal-inċident, jirriżulta li din l-istess vettura tal-għamla *Mercedes Benz Vito* bin-numru ta' reġistrazzjoni HBT-685, għandha "*gross vehicle weight*" ta' 3,200 kilogrammi. Isegwi li sabiex l-appellant seta' jsuq l-istess meta din kellha magħha karru (rmonk) kif ukoll vettura oħra tal-għamla *Toyota IQ*, l-istess rmonk u vettura *Toyota* riedu jkunu jiżnu massa awtoriżżata massima li ma jkunx iżjed minn seba' mija' u ħamsin kilo. L-

[1] A folio 26 tal-Atti Proċesswali,

appellant jsostni li kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tressaq prova inkonfutabbli li l-piż individwali jew komplessiv kien wieħed li jissupera l-limiti regolamentari. Il-Qorti pero' tqis li hawn *si tratta* ta' vetturi u ċertament, anke bl-użu tas-sens komun u mingħajr il-ħtieġa ta' opinjoni esperta, għandu jirriżulta illi l-piż ta' rmonk flimkien ma' vettura tal-mutur jaqbżu dak ta' 750 kilogrammi. Għalhekk, il-piż komplessiv tal-vettura misjuqa mill-appellant, flimkien mal-irmonk u mal-vettura li kienet qed tiġi rmonkata ċertament li jaqbzu l-piż massimu ta' 4,250 kilogrammi, hekk kif tirrikjedi l-liġi fir-rigward is-sewqan bil-liċenzja tal-kategorija "B". Isegwi li l-appellant ma kellux liċenzja valida sabiex isuq il-vettura in kwistjoni, meta din kienet armata b'irmonk u kienet saħansitra qed iġġorr vettura oħra. Għalhekk, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant, hekk kif filfatt għamlet.

Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni lanjanza ventilata, l-appellant jisħaq li huwa illi kellu jiġi lliberat mill-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana fuq zewġ binarji – fl-ewwel lok għaliex, skond il-Prosekuzzjoni stess il-vettura kienet koperta b'polza ta'l-assigurazzjoni valida u viġenti u fit-tieni lok ġaldarba l-ewwel imputazzjoni hija konnessa mat-tieni mputazzjoni n-nuqqas ta' ħtija għat-tieni mputazzjoni kellha twassal ukoll għall-liberatorja mill-ewwel imputazzjoni.

Illi, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ġie mixli li uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma jkunx isseħħ polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. *In oltre*, is-sub-artikolu (1A) ta' l-istess artikolu jistipula illi:–

> **Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**

Illi, minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi huwa evidenti illi l-oneru tal-prova hawnhekk jaqa' fuq l-ispalla tal-persuna akkużata li għandu jipprova li kien hemm fil-fatt polza tal-assigurazzjoni valida fis-seħħ. Eżaminati l-Atti Proċesswali, għalkemm PS957 Colin Spiteri jixhed illi vverifika mis-sistema tat-Transport Malta illi t-*tow truck* kien assikurat, madanakollu l-appellant ma ressaq ebda prova fir-rigward u fis-seduta datata 1 ta' Settembru 2021, ġie vverbalizat li "*Id-Difiza tagħzel li ma tressaqx provi*". Illi d-dikjazrazzjoni magħmula mill-uffiċjal investigattiva ma hijiex l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi billi la jixhed ir-rappreżentant tat-Transport Malta li jikkonferma dak dikjarat mis-surġent kif lanqas jixhed sid it-trukk fir-rigward tat-tip ta' assigurazzjoni li hemm fuq saqajha u jippreżenta ċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni kif trid il-liġi. Għaldaqstant, fin-nuqqas min naħa tal-appellant illi jressaq il-prova nkombenti fuqu illi fuq il-vettura misjuqa minnu kien hemm polza tal-assikurazzjoni valida viġenti, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni li waslet għaliha fis-sentenza impunjata u ċioe'li kien hemm nuqqas ta' provi minn naħa tad-difiża kontra l-ħtija.

Għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet suesposti, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet u l-aħħar aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta li ma jirriżultax mill-provi prodotti li huwa saq b'mod traskurat u kellu għalhekk jiġi lliberat mit-tielet imputazzjoni. Jispjega li huwa kien qed jimmanuvra l-vettura u l-irmonk għal ġewwa garaxx u l-fatt li żamm momentarjament it-traffiku ma jikkwalifikax bħala sewqan traskurat. Illi dak li jinsa li jsemmi, madanakollu l-appellant, huwa li sabiex għamel din il-manuvra huwa saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u ċioe' kontra l-*one way*.

Illi, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", ġie ddefinit bl-aktar mod sempliċi u ezawrenti l-import tat-terminu '*sewqan traskurat*' komunement magħruf bl-Ingliz bħala '*negligent driving*'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta għall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, l-ksur

ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat. L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[2], ukoll fisser id-definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li –

> ***Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.***

Illi, mix-xhieda mogħtija minn PS 957 Colin Spiteri, jirriżulta illi dakinhar tal-inċident, l-appellant saq il-vettura tal-għamla *Mercedes* bin-numru ta' reġistrazzjoni HBT-685, kompluta b'irmonk u vettura oħra fuqha, kontra is-sinjal tal-*one way* ġewwa Triq il-Kalkara tal-Ġir, fl-Imrieħel. Minħabba din il-manuvra li għamel l-appellant, li ċertament hija waħda li tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-*Highway Code*, huwa ħoloq konġestjoni tat-traffiku u apparti minn hekk, kif daħħal l-irmonk bil-vettura rmunkata fil-garaxx, kellu saħansitra jirriversja t-triq kollha li minnha kien tela' *wrong way*. Dan ċertament sewqan traskurat hekk kif ipprospettat fil-Liġi u għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċizjoni tagħha fir-rigward.

Għal dawn il-motivi, it-tielet aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imhallef**

---

[2] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.